**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-15 ta' Lulju 2013, li ċaħdet it-talba għall-aċċess għall-abbozzi tar-rapport ta' analiżi ta' impatt fil-kuntest tal-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni tad-direttiva dwar il-prodotti tat-tabakk.

**Dispożittiv**

1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.*

2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata, minbarra li tbati l-ispejjeż tagħha stess, għall-ispejjeż ta' Philip Morris Benelux.*

(1) ĠU C 344, 23.11.2013.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Settembru 2015 – Pannonhalmi Főapátság vs Il-Parlament**

**(Kawża T-453/14)** (1)

***[“Rikors għal annullament — Petizzjoni indirizzata lill-Parlament dwar il-proprjetà tal-kastell Lónyay à Rusovce (Is-Slovakkja) — Petizzjoni ddikkjarata inammissibbli — Obbligu ta' motivazzjoni — Rikors manifestament infondat fid-dritt”]***

(2015/C 381/30)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Magyar Bencés Kongregáció Pannonhalmi Főapátság (Pannonhalma, l-Ungerija) (rappreżentant: D. Sobor, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: A. Pospíšilová Padowska u T. Lukácsi, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-petizzjonijiet tal-Parlament, tas-16 ta' April 2014, li permezz tagħha din il-Kummissjoni ddikkjarat inammissibbli l-petizzjoni magħmula mir-rikorrenti fis-26 ta' Ġunju 2013, minħabba li ma kinitx taqa' taħt l-oqsma ta' attività tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Magyar Bencés Kongregáció Pannonhalmi Főapátság hija kkundannata għall-ispejjeż.*

3) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet ta' intervent tar-Repubblika Slovakka u tal-Ungerija.*

(1) ĠU C 303, 8.9.2014.